**IT-TWEĠIBIET TAL-KUMMISSJONI EWROPEA GĦAR-RAPPORT SPEĊJALI TAL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI: "IL-POLITIKA AGRIKOLA KOMUNI U L-KLIMA: NOFS IN-NEFQA TAL-UE TMUR FUQ IL-KLIMA IŻDA L-EMISSJONIJIET TAL-FARMS MHUMIEX JONQSU"**

## SOMMARJU EŻEKUTTIV

**Tweġibiet komuni tal-Kummissjoni għall-paragrafi I sa III:**

Il-Kummissjoni tenfasizza li l-biċċa l-kbira tal-miżuri li jirrigwardaw il-klima fl-agrikoltura għandhom benefiċċji ta' mitigazzjoni u adattament li jkun xieraq li jiġu vvalutati flimkien. Similarment, l-azzjoni klimatika hija magħmula minn impatti ta' mitigazzjoni u adattament, li fil-każ tal-agrikoltura ma jistgħux jiġu separati b'mod ċar għall-biċċa l-kbira tal-miżuri rilevanti.

IV. It-trekkjar tal-klima ġie implimentat għall-perjodu 2014–2020 u diġà ġie indirizzat f'rapport speċjali tal-QEA.

Il-Kummissjoni ttenni l-impenn tagħha għall-approċċ tal-UE. Il-metodu li jintuża mill-Kummissjoni huwa sod u tħejja b'manjiera trasparenti u koordinata; huwa bbażat fuq l-indikaturi ta' Rio u ġie kkomunikat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

Il-Kummissjoni temmen ukoll li l-istrumenti tal-PAK kellhom impatt sinifikanti, u mhux wieħed limitat.

V. Il-Kummissjoni tinnota li l-PAK qatt ma kellha l-għan speċifiku li tnaqqas l-emissjonijiet tal-bhejjem. L-emissjonijiet baqgħu stabbli, filwaqt li l-produzzjoni żdiedet.

VI. Il-Kummissjoni tenfasizza li l-PAK, flimkien mal-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt, ma għandhiex l-għan li tnaqqas l-emissjonijiet iżda tipprova wkoll tħares il-bijodiversità, l-għajxien rurali, tnaqqas il-pestiċidi u l-pressjoni fuq il-kwalità tal-ilma u tipprovdi ikel ta' kwalità għolja. L-agrikoltura organika hija waħda mill-mezzi biex jinkisbu dawn l-għanijiet kollha.

Fir-rigward tal-legumi tal-qamħ, il-Kummissjoni tenfasizza li s-sostituzzjoni tal-għelejjel b'fertilizzazzjoni għolja ma twassalx awtomatikament għal bidla fl-emissjonijiet għal farms oħra. Dwar il-biedja organika, mhuwiex vijabbli li ssir valutazzjoni tal-impatt potenzjali tat-tnaqqis tal-emissjonijiet minħabba li ma hemmx biżżejjed *data*. Il-Kummissjoni tinnota wkoll li l-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt u l-Għodda għas-Sostenibbiltà tal-Farms (FaST, Farm Sustainability Tool) għan-nutrijenti se jgħinu biex jitnaqqsu l-emissjonijiet marbuta mal-użu tal-fertilizzant. Fl-istess waqt, kull tant żmien il-Kummissjoni se tirrieżamina d-derogi li ngħataw bid-Direttiva dwar in-Nitrati.

VII. L-għajnuna għat-tisġir biddlet, żiedet is-sostenn għall-manutenzjoni minn 5 snin għal 12-il sena u dan il-perjodu huwa armonizzat mal-pagamenti għal kumpens għal telf ta' introjtu. B'hekk il-miżura tat-tisġir se tkun aktar interessanti għall-bdiewa. F'dak li jikkonċerna l-agroforestrija, ir-Regolament Omnibus ittrasforma l-miżura tal-agroforestrija f'waħda aktar flessibbli, inkluż il-possibbiltà tat-tiġdid u r-riġinerazzjoni taż-żoni tal-agroforestrija eżistenti u deterjorati, u tikkontribwixxi għal żvilupp b'saħħtu u tiffunzjona bħala bir tal-karbonju u ttaffi l-mikroklima lokali. L-allokazzjoni ta' fondi (nefqa pubblika totali ta' EUR 64 miljun) għall-agroforestrija diġà hija ogħla minn dik tal-perjodu ta' qabel u sa tmiem l-2019 kienu diġà nħolqu aktar minn 2100 ettaru f'żoni ġodda tal-agroforestrija.

VIII. Il-Kummissjoni tqis li l-kundizzjonalità u l-iskema ta' ekoloġizzazzjoni inċentivaw lill-bdiewa biex jadottaw miżuri effettivi għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima.

Għadd ta' standards għal kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba (KAAT) affettwati mill-kundizzjonalità huma ta' benefiċċju għall-mitigazzjoni u l-adattament tal-klima (il-kopertura minima tal-ħamrija, il-ġestjoni tal-imriegħi biex tiġi limitata l-erożjoni, iż-żamma tal-materja organika tal-ħamrija u ż-żamma ta' karatteristiċi ta' pajsaġġ indikati) u, bħala prattiki obbligatorji, il-ħolqien ta' bażi qawwija għall-iskemi ta' sostenn. Skont l-iskema ta' ekoloġizzazzjoni, iż-żamma ta' bur permanenti kif ukoll taż-Żona ta' Konċentrazzjoni Ekoloġika (ŻIE) jobbligaw lill-bdiewa jżommu żoni u karatteristiċi bħal bwar, raba' mistrieħ, siġar jew sisien tal-ħaxix li huma ta' benefiċċju għall-mitigazzjoni tal-klima.

IX.

(1). Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni 1a fuq bażi parzjali. Taċċetta r-rakkomandazzjonijiet 1b u 1c.

Il-Kummissjoni ħadet azzjoni billi żiedet l-ambizzjoni tal-azzjoni klimatika fil-proposta tal-PAK għall-perjodu 2023–2027. Il-kundizzjonalità twessgħet u issa tkopri l-pagamenti diretti kollha, ġew proposti ekoskemi ġodda u 30 % tal-baġit previst għall-iżvilupp rurali ġie delimitat għall-azzjoni klimatika u l-ambjent. L-Istati Membri se jkunu qed jistabbilixxu azzjoni ppjanata fil-pjanijiet strateġiċi nazzjonali li mbagħad jiġu vvalutati mill-Kummissjoni.

(2). Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjonijiet 2a u 2b.

Il-Kummissjoni ħadet azzjoni billi fil-kundizzjonalità għall-perjodu 2023–2027 inkludiet kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba (KAAT) relatata mal-protezzjoni minima tat-torbiera u tal-art mistagħdra.

(3). Il-Kummissjoni ma taċċettax ir-rakkomandazzjoni 3a u taċċetta u taċċetta r-rakkomandazzjoni 3b.

L-Istati Membri se jippreżentaw pjanijiet strateġiċi tal-PAK li jiġu analizzati mis-servizzi tal-Kummissjoni. Wara li jadottaw dawn il-pjanijiet, l-Istati Membri jirrappurtaw dwar l-implimentazzjoni tagħhom kull sena.

## INTRODUZZJONI

01. L-emissjonijiet mill-agrikoltura, hekk kif stmati skont il-linji gwida tal-IPPC, jirreferu biss għall-emissjonijiet rilaxxati matul l-istadju tat-tkabbir tal-prodotti agrikoli. L-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-UE mill-agrikoltura jirrappreżentaw biss 10 % tal-emissjonijiet totali tal-UE. Il-PAK 2013–2020 ma tinkludi l-ebda valutazzjoni taċ-ċiklu tal-ħajja tal-produzzjoni agrikola.

Illustrazzjoni 1: Il-Kummissjoni tqis li tkun aktar xierqa illustrazzjoni li tirrappreżenta l-porzjon tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-UE mill-agrikoltura. Tali illustrazzjonijiet jistgħu jinkisbu faċilment u jinġabru mill-Viżwalizzatur tad-Data tal-Gassijiet Serra tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent[1].

Illustrazzjoni 2: Min-natura tagħhom, l-emissjonijiet agrikoli huma magħmula minn metan u ossidu nitruż u huma rregolati bid-Deċiżjoni dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi sal-2020, u bir-Regolament dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi mill-2021. L-emissjonijiet u l-assorbimenti relatati mal-Użu tal-Art, mat-Tibdil tal-Użu tal-Art u mal-Forestrija huma rregolati mir-Regolament LULUCF mill-2021.

[1] Disponibbli hawnhekk https://www.eea.europa.eu/data-and-maps/data/data-viewers/greenhouse-gases-viewer/

04. Il-Kummissjoni tinnota li l-emissjonijiet stabbilizzaw wara l-2010 grazzi għall-varjazzjoni interannwali taħt il-limitu ta' inċertezza stabbilit miż-ŻEE. Fl-istess waqt, il-produzzjoni żdiedet u l-emissjonijiet għal kull unità ta' prodott naqsu.

Illustrazzjoni 3: Il-Kummissjoni tqis li l-emissjonijiet mill-art ikunu separati mill-emissjonijiet ta' CH4 u N2O fl-ambjent leġiżlattiv attwali (ESR u LULUCF). Il-kalkoli tal-emissjonijiet taż-żewġ tipoloġiji għandhom karatteristiċi u livelli ta' inċertezza differenti.

07. Il-Qafas għall-Klima u l-Enerġija għall-2030 jinkludi wkoll l-emissjonijiet u l-assorbimenti mis-setturi tal-użu tal-art, tat-tibdil tal-użu tal-art u tal-forestrija (LULUCF). Dan se jsir permezz tar-Regolament LULUCF, li beda japplika mill-1 ta' Jannar 2021.

08. L-Istati Membri jistgħu jfasslu l-aħjar taħlita ta' politiki klimatiċi biex jiksbu l-mira nazzjonali tagħhom fis-setturi kollha tal-Kondiviżjoni tal-Isforzi; dawn l-istrateġiji huma deskritti fil-Pjanijiet Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima[2]. L-agrikoltura jenħtieġ li tikkontribwixxi għal dawn l-isforzi ta' mitigazzjoni bħas-setturi l-oħra kollha. Il-miri tal-Kondiviżjoni tal-Isforzi ġew ikkalkulati b'konformità ma' kunsiderazzjonijiet kosteffiċjenti; jekk Stat Membru jiddeċiedi li s-Settur Agrikolu ma jikkontribwixxix għall-kisba tal-mira tagħha ta' Kondiviżjoni tal-Isforzi, x'aktarx li l-kontribut mis-setturi l-oħra jkun jiswa aktar flus.

13. Il-Kummissjoni tqis li l-aktar miżuri li ġew traċċati jipprovdu benefiċċji għal aktar minn settur ta' interess wieħed u li kwalunkwe konklużjoni dwar l-impatt ġenerali tal-miżuri rilevanti jenħtieġ li tirrikonoxxi dan.

## OSSERVAZZJONIJIET

25. Il-Kummissjoni tenfasizza li l-ebda Stat Membru mhu qed jirrapporta l-emissjonijiet tal-metan tiegħu fl-ogħla livell ta' dettall. Kif issemma wkoll fl-Istrateġija tal-UE dwar il-Metan, il-Kummissjoni se tappoġġa t-titjib tal-valutazzjoni u l-mitigazzjoni tal-emissjonijiet tal-metan. Il-Kummissjoni tinnota li filwaqt li l-emissjonijiet tal-bhejjem stabbilizzaw fl-aħħar snin, fl-istess żmien li l-produzzjoni żdiedet. Il-Kummissjoni tirrikonoxxi l-fatt li l-emissjonijiet mill-fermentazzjoni enterika tal-bhejjem mhumiex jonqsu, għalkemm il-kuntest meħtieġ, inkluż dwar l-inċertezzi fil-valutazzjoni tal-emissjonijiet tal-metan u l-livell ta' dettall użat mill-Istati Membri meta jirrapportaw, kif ukoll iż-żieda fil-produttività jispjegaw is-sitwazzjoni fl-UE aħjar.

26. Il-Kummissjoni tqis li l-inventarju tal-gassijiet serra tal-Istati Membri mhux dejjem jaqbad l-effetti tal-implimentazzjoni tal-prattiki ta' mitigazzjoni mill-bdiewa u li huma appoġġati mill-PAK. Dan jiddependi wkoll fuq l-istabbiliment tas-sistemi ta' monitoraġġ fl-Istati Membri u l-fatturi ta' emissjoni u d-*data* dwar l-attività użati għall-istima.

27. L-objettiv tal-programmi ta' promozzjoni huwa li jsostnu l-kompetittività tas-settur agrikolu tal-UE, inkluż is-settur tal-bhejjem, billi titqajjem kuxjenza dwar il-merti tal-prodotti agroalimentari tal-UE u l-istandards għoljin fil-produzzjoni tagħhom. Il-Kummissjoni tenfasizza li l-PAK ma għandha l-ebda responsabbiltà li tibdel jew tillimita l-għażla tal-konsumaturi.

[2] https://ec.europa.eu/energy/topics/energy-strategy/national-energy-climate-plans_en#final-necps

Permezz tal-programmi ta' żvilupp rurali tagħhom, l-Istati Membri jistħgu joffru miżuri agroambjentali klimatiċi li jappoġġaw żieda fil-produzzjoni estensiva tal-bhejjem permezz ta' ragħa fil-miftuħ. Il-parti l-kbira tal-Istati Membri jużaw din il-possibbiltà.

Barra minn hekk, il-prodotti tal-annimali u l-konsum ta' prodotti tal-annimali jenħtieġ li jitqiesu separatament għaliex l-UE hija waħda mill-akbar esportaturi u importaturi ta' ikel u għalf. L-indiċi tat-trasformazzjoni tal-ikel tjieb b'mod stabbli fl-aħħar deċennji, jiġifieri unità waħda ta' prodott tal-annimali teħtieġ aktar aspetti dwar l-għalf. Barra minn hekk, fid-dieti tal-bhejjem tal-UE qed jiġu inkorporati dejjem aktar koprodotti u prodotti sekondarji li ma jittiklux mill-industrija tal-ikel u tal-bijokarburant.

Illustrazzjoni 11: Il-Kummissjoni tqis li jenħtieġ li d-*data* dwar il-konsum ma tkunx relatata biss mal-kwantità tal-prodott iżda wkoll mal-kwalità tan-nutrijenti pprovduti.

28. Il-proposta tal-Kummissjoni għall-PAK tal-futur tirrikonoxxi l-isfida tal-ħela tal-ikel kif inhu rifless f'wieħed mill-objettivi speċifiċi tagħha (l-Artikolu 6.1(i) propost) biex *"jittejjeb ir-rispons tal-agrikoltura tal-UE għal talbiet soċjetali dwar l-ikel u s-saħħa, inkluż ikel sikur, nutirjenti u sostenibbli, il-ħela tal-ikel, kif ukoll il-benessri tal-annimali".*

30. Il-Kummissjoni tqis li l-addittivi ġodda fl-għalf, kemm dawk naturali kif ukoll dawk sintetiċi, jippromettu sew fit-tnaqqis tal-emissjonijiet mill-fermentazzjoni enterika, iżda b'kost addizzjonali għall-bdiewa. Il-Kummissjoni rċeviet addittivi fl-għalf bil-għan li jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra u bħalissa qed jiġu vvalutati mill-EFSA. Jekk l-EFSA tagħti valutazzjoni pożittiva, il-Kummissjoni tawtorizza dawn l-addittivi fl-UE. Fl-aħħar nett, bħala azzjoni fi ħdan l-Istrateġija "Mill-Għalqa sal-Platt", il-Kummissjoni beħsiebha tiffaċilita l-awtorizzazzjoni ta' tali addittivi fl-għalf.

32. Għalkemm id-dipendenza fuq il-pagamenti diretti hija tassew għolja fil-każ ta' "bovini speċjalisti", għadha sostanzjalment aktar baxxa minn dik ta' setturi oħra relatati mal-annimali (jiġifieri "ħalib speċjalist", "nagħaġ speċjalist & mogħoż", "granivori speċjalisti", jew "bhejjem imħallta"). Fil-fatt, dawn is-setturi l-oħra relatati mal-annimali huma komparabbli, jew saħansitra huma anqas dipendenti fuq "COP speċjalist" (jiġifieri ċereali, żrieragħ żejtnin, għalla li fiha l-proteini).

34. Il-Kummissjoni hija wkoll tal-fehma li, fl-analiżi tal-effetti tal-pagamenti relatati ma' emissjonijiet ta' gassijiet serra msemmija mill-QEA, ikun importanti li jitqies l-impatt fuq l-emissjonijiet globali (rilokazzjoni) biex tinkiseb stampa sħiħa.

Bħala eżempju, l-istudju Jansson et al imsemmi fir-rapport (nota f'qiegħ il-paġna 20) tabilħaqq juri li t-tneħħija tal-appoġġ akkoppjat għar-ruminanti tnaqqas l-emissjonijiet ta' gassijiet serra agrikoli totali fl-UE b'0,5 %. Madankollu, huwa stmat li madwar tliet kwarti minn dan it-tnaqqis jista' jitnaqqas minn rilokazzjoni tal-emissjonijiet (jiġifieri żieda fl-emissjonijiet barra mill-UE) minħabba żieda fl-importazzjonijiet minn pajjiżi b'emissjonijiet relattivament ogħla għal kull unità ta' prodott (intensitajiet tal-emissjonijiet), bħall-Brażil. Ir-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tillimita b'mod sinifikanti l-impatt pożittiv fuq it-tisħin globali li jista' jinħoloq jekk l-appoġġ akkoppjat fl-UE jitneħħa.

Barra minn hekk, meta tivvaluta l-impatt tas-sostenn differenti tal-PAK biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra, il-Kummissjoni tenfasizza li l-aspetti, il-fatturi u l-konsegwenzi possibbli kollha għandhom jiġu enumerati. Pereżempju, bosta mill-pagamenti diretti mħallsa lid-detenturi tal-annimali jista' jkollhom xi impatti ta' benefiċċju fuq l-ambjent (pereż. pagament bażiku wara pagament ta' foraġġ/bur, pagament ta' ekoloġizzazzjoni, appoġġ akkoppjat għall-għelejjel li fihom il-proteini).

36. Filwaqt li l-Kummissjoni ma tiddubitax l-artikolu xjentifiku msemmi, tfakkar li ma hemm ebda metodoloġija miftiehma fil-livell tal-UE jew f'dak internazzjonali li tipprovdi valutazzjonijiet

kumparabbiltà ċ-ċiklu tal-ħajja. Il-Kummissjoni se tindirizza l-impronta ambjentali tal-prodotti importati billi timplimenta l-objettivi tal-Patt Ekoloġiku u Mill-Għalqa sal-Platt. F'dak li jikkonċerna l-impronta ambjentali ta' prodotti importati, l-objettiv tal-Patt Ekoloġiku huwa li ssir ħidma ma' sħab internazzjonali għat-tisħiħ tal-istandards ambjentali globali. Speċifikament, l-istrateġija mill-Għalqa sal-Platt tipprevedi "Politiki xierqa tal-UE, inkluż il-politika kummerċjali, se jintużaw biex ikun ta' sostenn u parti mit-tranżizzjoni ekoloġika tal-UE. L-UE timmira li tiżgura li jkun hemm kapitolu ambizzjuż dwar is-sostenibbiltà fil-ftehimiet kummerċjali bilaterali kollha tal-UE. Se tiżgura l-implimentazzjoni sħiħa u l-infurzar tad-dispożizzjonijiet dwar il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli fil-ftehimiet kummerċjali kollha."

Barra minn hekk, il-Kummissjoni tinnota li l-maġġoranza tas-sojja fl-Ewropa toriġina minn pajjiżi mingħajr riskju ta' deforestazzjoni.

38. Il-Kummissjoni fiduċjuża li l-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt u l-Għodda għas-Sostenibbiltà għan-nutrijenti se jgħinu biex jitnaqqsu l-emissjonijiet marbuta mal-użu tal-fertilizzant. Fl-istess waqt, kull tant żmien il-Kummissjoni se tirrieżamina d-derogi li ngħataw bid-Direttiva dwar in-Nitrati.

40. Il-Kummissjoni tfakkar li l-PAK ma kellhiex l-għan espliċitu li tnaqqas il-produzzjoni tal-bhejjem u li l-emissjonijiet mid-demel huma relatati kemm mal-kwantità kif ukoll mal-ġestjoni.

43. Id-derogi mid-Direttiva dwar in-Nitrati jingħataw jekk ma jippreġudikawx il-ksib tal-objettivi tad-Direttiva. Dan għandu jiġi ġustifikat abbażi ta' kriterji oġġettivi, pereżempju:

— staġuni twal ta' tkabbir,

— għelejjel b'assorbiment għoli ta' nitroġenu,

— preċipitazzjoni għolja netta fiż-żona vulnerabbli,

— ħamrija b'kapaċità eċċezzjonalment għolja ta' denitrifikazzjoni.

44. Il-Kummissjoni tqis li, filwaqt li jitqiesu biss l-effetti tat-tnaqqis tal-gassijiet serra, jistgħu jiġu applikati strateġiji ta' mitigazzjoni għat-tixrid tad-demel fir-raba' (l-applikazzjoni tad-demel).

F'sistemi tal-ħamrija fejn jinfirex id-demel, l-użu ta' tekniki ta' distribuzzjoni b'rati varjabbli (l-agrikoltura ta' preċiżjoni) inaqqas l-emissjonijiet.

Is-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni għall-produttività u s-sostenibbiltà agrikoli (EIP-AGRI, European Innovation Partnership for agricultural productivity and sustainability) sostniet l-innovazzjoni f'dawn l-oqsma. Gruppi operazzjonali tal-EIP-AGRI, li jgħinu biex jitnaqqas id-distakk bejn ir-riċerka u l-prattika, huma involuti f'bosta inizjattivi fir-rigward tal-mitigazzjoni tal-klima fil-livell tal-farms.

45. Hemm diversi prattiki tal-biedja li qed jingħataw appoġġ fl-ambitu ta' miżuri agroambjentali u klimatiċi (M10) fil-Programmi għall-Iżvilupp Rurali tal-perjodu ta' programmazzjoni ta' bħalissa bil-għan li tittejjeb il-ġestjoni tal-inputs u b'mod aktar preċiż fuq it-tnaqqis tal-fertilizzanti minerali. Fil-PŻR tali appoġġ jingħata flimkien ma' appoġġ għat-tnaqqis tal-użu ta' pestiċidi, jiġifieri bħala skemi ta' produzzjoni integrata.

- (It-2ni inċiż): Bħalissa l-Kummissjoni qed taħdem fuq reċensjoni sistematika tal-letteratura ta' metaanaliżi dwar l-impatti ambjentali u klimatiċi ta' ċerti prattiki tal-biedja, inkluż inibituri tan-nitrifikazzjoni. Ir-reċensjoni tagħti prova xjentifika b'saħħitha b'riskju ta' preġudizzju baxx, u saħħet l-għarfien dwar din il-prattika. Is-sejbiet jissuġġerixxu li l-inibituri tan-nitrifikazzjoni għandhom potenzjal sinifikanti li jnaqqsu l-emissjonijiet ta' ossidu nitruż u ta' nitrat li jnixxu fl-ilma, iżda fl-istess waqt jistgħu jżidu l-emissjonijiet tal-ammonijaka

b'mod sinifikanti. Barra minn hekk, xi studji jirrappurtaw l-ekotossiċità tal-inibituri tan-nitrifikazzjoni. Bħala konklużjoni, l-impatti tal-inibituri tan-nitrifikazzjoni, partikolarment fit-tul, jenħtieġ li jiġu evalwati b'attenzjoni qabel ma jiġu rrakkomandati għal użu fuq skala kbira fil-prattika tal-biedja.

Tabella 2: Il-Kummissjoni tqis li l-klassifikazzjoni proposta fit-Tabella 2 tissimplifika realtà kumplessa. L-istrateġiji biex jitnaqqas l-użu tal-fertilizzanti jiddependu wkoll fuq is-sit, partikolarment fir-rigward tal-effett tagħhom fuq it-tnaqqis finali tal-gassijiet serra. L-użu jiddependi wkoll fuq is-sistemi tal-biedja, li fl-UE huma diversifikati ħafna.

46. Il-Kummissjoni tenfasizza li l-PAK, flimkien mal-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt, ma għandhiex l-għan li tnaqqas l-emissjonijiet iżda tipprova wkoll tħares il-bijodiversità, l-għajxien rurali, tnaqqas il-pestiċidi u l-pressjoni fuq il-kwalità tal-ilma filwaqt li tipprovdi ikel ta' kwalità għolja. L-agrikoltura organika hija waħda mill-mezzi biex jinkisbu dawn l-għanijiet kollha.

It-2ni inċiż: Il-Kummissjoni tqis li x-xenarju deskritt jgħodd biss bis-suppożizzjoni li l-konsum tal-prodotti agrikoli jibqa' l-istess.

Illustrazzjoni 17: Jekk jogħġbok ara t-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafu 46.

51. Jekk jogħġbok ara t-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafu 45.

60. Il-Kummissjoni tfakkar li skont ir-regoli ta' eliġibbiltà "standard" fir-rigward taż-żoni agrikoli, it-torbieri huma eliġibbli għal pagamenti diretti dment li sseħħ attività agrikola fiha u jiġu ssodisfati għadd ta' rekwiżiti relatati mal-ambjent u mal-klima (kundizzjonalità). Derogi strutturati sew minn tali derogi jippermettu li l-pagamenti diretti anki mingħajr ebda attività agrikola. Pereżempju, fil-każ li torbiera kkultivata preċedentement u li terġa' tibda tintuża għal dan il-għan bis-sostenn ta' impenji mwarrba fl-ambitu tal-programmi għall-iżvilupp rurali, tali art tibqa' eliġibbli għal pagamenti diretti mingħajr ma tkun qed issir attività agrikola fuqha.

<u>Tweġiba komuni tal-Kummissjoni għall-paragrafi 63, 64 u 65:</u>

Ir-rekwiżit li jinżamm il-proporzjon ta' bur permanenti huwa "xibka ta' sikurezza" ġestita fil-livell nazzjonali jew reġjonali bil-għan li ma tiġix ikkonvertita ħafna art li tinħadem. Dan huwa rekwiżit obbligatorju bażiku li japplika għall-bwar permanenti madwar l-UE u jekk ikun meħtieġ jista' jiġi kkumplimentat permezz ta' miżuri agroambjentali u klimatiċi volontarji li jipprojbixxu tipi diversi ta' interventi f'dawn iż-żoni. L-istrument ma jipprojbixxix il-ħrit u ż-żrigħ mill-ġdid dment li ż-żona tibqa' bur permanenti. Madankollu, il-ħrit u ż-żrigħ mill-ġdid mhumiex neċessarjament prattiki komuni u f'ħafna żoni ma hemm l-ebda benefiċċju agronomiku biex dawn il-prattiki jiddaħħlu fis-seħħ.

Ir-rekwiżit taż-żona tal-proporzjoni ta' bwar permanenti ssaħħaħ wara l-2015 b'marġni ta' konverżjoni ta' 5 % minflok l-10 % ta' qabel. Meta dan il-marġni jintlaħaq, l-Istat Membru jrid jerġa' jikkonverti lura ż-żona żejda li tkun ġiet ikkonvertita.

<u>Tweġiba komuni tal-Kummissjoni għall-paragrafi 66, 67 u 68:</u>

Ir-rekwiżit tal-protezzjoni ta' "bwar permanenti ambjentalment sensittivi" (environmentally sensitive permanent grassland, ESPG) jipprevjeni l-bwar kemm mill-konverżjoni għal użu ieħor kif ukoll mill-ħrit f'żoni tan-Natura 2000. Filwaqt li l-objettiv ewlieni huwa l-ħarsien tal-bijodiversità, l-impatt tiegħu fuq is-sekwestru tal-karbonju huwa sinifikanti u dan l-istrument jikkumplimenta x-"xibka ta' sikurezza" taż-żamma tal-proporzjon ta' bwar permanenti fil-livell nazzjonali/reġjonali. Filwaqt li n-nuqqas ta' deterjorament skont l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva dwar il-Ħabitats u l-Artikolu 4(4) tad-

Direttiva dwar l-Għasafar diġà jkopru, fost l-oħrajn, attivitajiet li jirriżultaw f'deterjorament tal-ħabitats bħall-ħrit u l-konverżjoni ta' ħabitats tal-bwar fl-ambitu tad-direttiva dwar l-għasafar u l-ħabitats fis-siti Natura 2000. Madankollu, dan ma jfissirx li fir-realtà ma jsiru ebda ħrit jew konverżjoni ta' bwar fejn dawn ikunu protetti. Għaldaqstant, l-ESPG ssaħħaħ il-protezzjoni permezz tal-PAK; din tippermetti l-possibbiltà li jitħarsu l-bwar fis-siti tan-Natura 2000 u barra minnha, li jiżgura livell ta' protezzjoni komuni u għoli madwar l-UE lil hinn mir-rekwiżiti tad-Direttivi.

69. Ir-Regolament Omnibus żied il-flessibbiltà tal-miżura tal-agroforestrija li issa tista' tkopri l-ħolqien, ir-riġinerazzjoni jew it-tiġdid tas-sistema tal-agroforestrija. Għaldaqstant il-Kummissjoni qed tistenna li din il-miżura se tiġi adottata b'mod aktar mifrux.

70. Il-monitoraġġ tat-tneħħija tal-karbonju huwa diffiċli minħabba karatteristiċi speċifiċi tan-nuqqas ta' permanenza tal-karbonju fil-ħamrija u l-inċertezza tal-kejl. Biex tindirizza dawn l-isfidi l-Kummissjoni qed taħdem fuq inizjattiva u qafas ta' sekwestru tal-karbonju f'art agrikola biex tiċċertifika t-tneħħija tal-karbonju. Dawn l-inizjattivi għandhom l-għan li jarmonizzaw il-kwantifikazzjoni tat-tneħħija tal-karbonju bħala l-bażi biex is-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola jiġi ppremjat b'manjiera effettiva.

Il-prattiki ta' ġestjoni tal-imriegħi (għaż-żamma u) għat-titjib tas-saħħa tal-ħamrija fir-raba' li jinħadem (miżuri ta' ġestjoni għall-iżvilupp tal-ħumus) jistgħu jżidu l-kontenut tal-karbonju fil-ħamrija u jrawmu s-sekwestru tal-karbonju. Tali prattiki jistgħu jiġu appoġġati fl-ambitu ta' miżura agroambjentali klimatika u ħafna Stati Membri attivaw dan l-appoġġ fil-Programmi għall-Iżvilupp Rurali tagħhom.

72. Għadd ta' standards għal kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba (KAAT) huma ta' benefiċċju għall-mitigazzjoni u l-adattament tal-klima. B'mod partikolari, il-KAAT 4 tirrikjedi għata tal-ħamrija minima, il-KAAT 5 tirrikjedi ġestjoni tal-imriegħi minima biex tiġi limitata l-erożjoni, il-KAAT 6 tirrikjedi ż-żamma ta' materja tal-ħamrija organika u l-KAAT 7 tirrikjedi ż-żamma ta' karatteristiċi ta' pajsaġġ indikati.

73. Il-komponent taż-Żona ta' Interess Ekoloġiku (ŻIE) tal-iskema ta' ekoloġizzazzjoni għandu l-għan li jissalvagwardja u jtejjeb il-bijodiversità fil-farms. Il-possibbiltà li l-għelejjel intermedji jitqiesu bħala EFA, li ġiet introdotta mill-koleġiżlaturi matul ir-riforma tal-PAK tal-2013, ma kellhiex l-għan li tagħti spinta lill-użu ta' dawn l-għelejjel iżda tqieset li tgħin biex jintlaħaq l-objettiv tal-bijodiversità. Fis-segwitu ta' rieżami bikri ta' dik l-iskema mill-Kummissjoni, fil-leġiżlazzjoni ġiet introdotta projbizzjoni fuq l-użu ta' pestiċidi bħala appoġġ biex jintlaħaq l-objettiv tal-bijodiversità.

74. Ir-Regolament Omnibus żied il-flessibbiltà tal-miżura tal-agroforestrija li issa tista' tkopri l-ħolqien, ir-riġinerazzjoni jew it-tiġdid tas-sistema tal-agroforestrija. Għaldaqstant il-Kummissjoni qed tistenna li fil-futur din il-miżura se tiġi adottata b'mod aktar mifrux.

75. L-istudju "Ricardo" jsemmi firxa ta' bejn 2.2 u 7.3t ta' assorbiment tal-karbonju għal kull ettaru li l-Kummissjoni tqis li hija suppożizzjoni importanti minħabba l-varjabbiltà għolja tal-valuri possibbli (5t għal kull ettaru ta' firxa potenzjali = differenza ta' aktar minn 300 %), u tenfasizza li l-valur ta' bħalissa li ġie ppreżentat mill-QEA jirrappreżenta biss il-firxa superjuri.

77. It-trekkjar tal-klima ġie implimentat għall-perjodu 2014–2020 u ġie indirizzat f'rapport speċjali tal-QEA.

Fit-tweġibiet tagħha l-Kummissjoni fakkret li l-UE għandha mira klimatika għall-ekonomija kollha kemm hi u mhijiex tidentifika setturi speċifiċi.

Il-miri klima li jikkonċernaw it-tnaqqis tal-emissjonijiet jiġu deċiżi mill-koleġiżlaturi u ma ġiet deċiża l-ebda mira fir-rigward tal-PAK 2013–2020.

Tweġiba komuni tal-Kummissjoni għall-paragrafi 83, 84 u 85:

L-iskema ta' ekoloġizzazzjoni ġiet introdotta fl-2015 biex tipprevedi mill-ġdid li sehem sinifikanti ta' pagamenti diretti jiġi allokat għat-titjib tal-prestazzjoni ambjentali tal-PAK. Dan sar billi l-bdiewa ġew mitluba jsegwu prattiki ambjentali li jkopru s-sistemi ewlenin tal-produzzjoni agrikola. Fost dawn il-prattiki, iż-żamma ta' bwar permanenti għandha l-għan li tnaqqas il-bilanċ tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra mis-settur tal-bhejjem, partikolarment permezz tal-promozzjoni tas-sekwestru tal-karbonju mill-bwar. Ir-rekwiżit li jinżamm ċertu livell ta' karatteristiċi u żoni bħal sisien tal-ħaxix, siġar fiż-ŻIE, eċċ. jikkontribwixxi wkoll għas-sekwestru tal-karbonju. Iż-żamma ta' bur permanenti ż-żamma ta' żoni u karatteristiċi mhux produttivi se jibqgħu parti mill-PAK bil-kundizzjonalità msaħħa.

Fir-rigward tal-livell tal-prattiki, l-ekoloġizzazzjoni ma għandhiex l-għan li tbiddel il-prattiki tal-bdiewa kollha iżda biss ta' dawk li ma jissodisfawx l-ambizzjoni mitluba. Fir-rigward tal-bdiewa li diġà jissodisfaw il-livell ta' ambizzjoni mitlub, l-ekoloġizzazzjoni tippermetti li l-istatus ambjentali u klimatiku tagħhom ma jiddeterjorax, pereż. wara li jintensifaw il-produzzjoni tagħhom.

86. Il-FAEŻR għall-2014–2020 joffri sett ta' għodod (inkluż appoġġ għal miżuri agroambjentali klimatiċi, impenji għall-foresti, għall-ambjent u għall-klima, għall-afforestazzjoni u l-agroforestrija, għan-Natura 2000 u l-Pagamenti tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma, għall-biedja organika u għall-investimenti) li l-Istati Membri jkunu jistgħu jimplimentawhom b'konformità mal-ħtiġijiet tal-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima speċifiċi tagħhom. Barra minn hekk dan huwa enfasizzat mid-definizzjoni ta' Prijoritajiet u Oqsma ta' Prijorità, li kienet aktar dettaljata milli għall-perjodu 2007–2013.

Minbarra t-3.2 % immirata primarjament lejn it-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra jew il-promozzjoni tas-sekwestru tal-karbonju, huwa rilevanti wkoll il-kontribut tal-miżuri attribwiti għall-objettivi ambjentali taħt il-Prijorità 4 (bħall-bijodiversità, kif indikat mill-QEA). L-attribuzzjoni tal-baġit għal din il-Prijorità 4 hija 45,2 % tal-FAEŻR għal dan il-perjodu.

Dan ikopri bosta mill-miżuri agroambjentali u klimatiċi, appoġġ għall-investimenti u għat-trasferiment ta' għarfien enfasizzati fit-tweġibiet ta' hawn fuq. Filwaqt li dawn huma programmati taħt il-Prijorità 4 biex jiġu indirizzati l-ekosistemi, huma jagħtu kontribut għat-tnaqqis tal-emissjonijiet u għas-sekwestru tal-karbonju.

87. L-evalwazzjoni tal-impatt tal-miżuri tal-PAK dwar it-tibdil fil-klima se tiġi ppreżentata f'forma ta' dokument ta' ħidma tal-persunal u ppubblikata qabel is-sajf. Din tirrispondi għall-evidenza miġbura fl-istudju ta' appoġġ għall-evalwazzjoni u f'sorsi addizzjonali. Fil-PAK li jmiss, ir-rapportar annwali mill-Istati Membri se jipprovdi ammont sinifikanti ta' *data* rilevanti, bħal informazzjoni dettaljata dwar l-interventi mmirati lejn it-tibdil fil-klima (pereż. l-għadd ta' ettari li jaqgħu fl-ambitu ta' dawn l-impenji), l-għadd ta' ettari afforestati, is-sehem tal-art agrikola li taqa' fl-ambitu ta' impenji ta' appoġġ biex jittejjeb l-adattament għall-klima u biex jitnaqqsu l-emissjonijiet, is-sehem tal-farms li jinvestu għall-klima u l-kapaċità tal-enerġija rinnovabbli installata. Barra minn hekk, abbażi tal-informazzjoni rrappurtata mill-Istati Membri, il-Kummissjoni se tirrapporta l-ettari appoġġati minn kull prattika tal-biedja. Eventwalment l-evalwazzjoni se tipprovdi l-valutazzjoni tal-impatt tal-miżuri tal-PAK fuq il-klima.

88. Il-valutazzjoni annwali tal-impatti tal-mitigazzjoni mhijiex prevista fi (eż. f'kull Rapport Annwali ta' Implimentazzjoni tal-Programmi għall-Iżvilupp Rurali).

Kien biss ir-Rapport Annwali ta' Implimentazzjoni tal-2019 (li jkopri s-sena 2018) li involva mistoqsijiet ta' valwazzjoni għal kull Qasam ta' Prijorità u mistoqsijiet ta' evalwazzjoni relatati mal-

objettivi fil-livell tal-Unjoni, inkluż il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima. Dawk il-mistoqsijiet ta' evalwazzjoni se jiġu elaborati aktar fl-evalwazzjoni ex post tal-PŻR tal-perjodu 2014–2020.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni qed taħdem mal-Istati Membri, permezz tal-Helpdesk tal-Evalwazzjoni, biex tikkondividi l-aħjar prattiki u ttejjeb il-kwalità tal-valutazzjoni tagħhom tal-kontribut nett tal-miżuri tal-iżvilupp għall-iżvilupp rurali fir-rigward tat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra.

**KONKLUŻJONIJIET U RAKKOMANDAZZJONIJIET**

91. Il-Kummissjoni tinnota li t-trekkjar tal-klima ġie implimentat għall-perjodu 2014–2020 u ġie indirizzat f'rapport speċjali tal-QEA. Il-Kummissjoni tirreferi għat-tweġibiet tagħha għar-rapport speċjali Nru 31/2016[3].

Fir-rigward tal-istima eċċessiva u tal-ekoloġizzazzjoni tal-kontribut klimatiku tal-PAK fir-rapport imsemmi, il-Kummissjoni, fost l-oħrajn, ħadet nota tas-simulazzjonijiet tal-QEA bl-użu ta' metodoloġiji u prinċipji ġenerali differenti miftiehma bejn uħud mill-organizzazzjonijiet tal-għajnuna internazzjonali, iżda tenniet l-impenn tagħha favur l-approċċ tal-UE. Il-metodu li jintuża mill-Kummissjoni huwa sod u tħejja b'manjiera trasparenti u koordinata; huwa bbażat fuq l-indikaturi ta' Rio u ġie kkomunikat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

**Rakkomandazzjoni 1 — Tittieħed azzjoni biex il-PAK tnaqqas l-emissjonijiet mill-agrikoltura**

(a) Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni parzjalment.

Bħalissa, ma hemm l-ebda mira speċifika nazzjonali rigward il-mitigazzjoni tas-settur agrikolu (emissjonijiet mhux tas-CO2 u mhux ta' gassijiet serra minn bhejjem, fertilizzanti) skont id-dritt tal-UE. dan is-settur huwa kopert flimkien ma' setturi oħra (il-bini, it-trasport, l-iskart) minn miri nazzjonali tat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra fl-ambitu tar-Regolament dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi għall-perjodu bejn l-2021 u l-2030. B'konformità mal-ambizzjoni mtejba ta' mill-anqas 55 % tat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra għall-ekonomija tal-UE kollha kemm hi, il-Valutazzjoni tal-Impatt li takkumpanja teżamina diversi alternattivi dwar kif il-miri nazzjonali jistgħu jiżdiedu skont ir-Regolament dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi.

L-Istati Membri diġà għandhom impenji għat-tnaqqis nett ta' CO2 fl-ambitu tar-Regolament LULUCF. Il-ftehim riċenti fir-rigward tal-Liġi dwar il-Klima jinkludi dikjarazzjoni tal-Kummissjoni li biex tintlaħaq in-newtralità klimatika sal-2050 hemm il-bżonn ta' bir dejjem jikber (jiġifieri tneħħijiet mil-LULUCF). Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "It-tisħiħ tal-ambizzjoni klimatika tal-Ewropa għall-2030 Ninvestu f'futur newtrali għall-klima għall-benefiċċju tal-popli tagħna" (COM/2020/562 final) tqis li huwa possibbli li l-livelli ta' tneħħija tal-karbonju tal-UE jiżdiedu għal aktar minn 300 miljun tomna ta' ekwivalenti ta' CO2 sal-2030. Il-Kummissjoni se tippreżenta proposti għar-reviżjoni tar-Regolament LULUCF, fl-ambitu tal-pakkett Fit for 55, b'konformità ma' din l-ambizzjoni. Barra minn hekk, kif inhu stabbilit fil-Valutazzjoni tal-Impatt tal-Bidu, il-ħidma relatata mal-Valutazzjoni tal-Impatt fir-rigward tar-reviżjoni tar-Regolament LULUCF se teżamina l-alternattiva li l-emissjonijiet mhux ta' CO2 mill-agrikoltura kif ukoll l-emissjonijiet ta' CO2 u t-tneħħija mill-użu tal-art jitlaqqgħu fir-Regolament LULUCF, mill-2031, li huwa eżerċizzju li jkun jinvolvi l-ħolqien ta' miri settorjali nazzjonali għas-settur tal-art li jinkludu l-emissjonijiet u t-tneħħijiet kollha relatati mal-gassijiet serra.

(b) Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni.

[3] https://www.eca.europa.eu/mt/Pages/DocItem.aspx?did=39853.

(c) Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni.

**Rakkomandazzjoni 2 — Jittieħdu passi biex jitnaqqsu l-emissjonijiet minn ħamrija organika kkultivata u skulata**

(a) Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni.

(b) Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni.

Fil-proposta tagħha għar-Regolament dwar il-Pjan Strateġiku tal-PAK, il-Kummissjoni tipprevedi li ħarsien tat-torbieri u tal-art mistagħdra fil-qafas tal-kundizzjonalità fil-futur (KAAT 2). Fuq din il-bażi soda, l-Istati Membri se jkunu jistgħu jiddedikaw parti sinifikanti mill-baġit futur tal-PAK għat-tixrib mill-ġdid/ir-rivitalizzazzjoni ta' ħamrija organika skulata permezz tal-ekoskemi u firxa ta' interventi għall-iżvilupp rurali. Il-Kummissjoni se tikkunsidra bir-reqqa dan l-aspett fil-valutazzjonijiet tal-Pjanijiet tal-PAK tal-futur.

Barra minn hekk, permezz tal-inizjattiva tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola, il-Kummissjoni se tippromwovi s-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola bħala mudell kummerċjali li joħloq sors ġdid ta' introjtu għall-atturi tal-bijoekonomija, abbażi tal-benefiċċji klimatiċi li jipprovdu (għal aktar dettalji ara t-tweġiba tal-Kummissjoni għar-rakkomandazzjoni 3b). L-istudju "Technical Guidance Handbook – setting up and implementing result-based carbon farming mechanisms in the EU"[4], li sar fuq il-perjodu 2018–2020, irrieżamina l-alternattivi tad-disinn għat-tfassil ta' alternattivi għall-iżvilupp ta' pagamenti għas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola f'ħames żoni promettenti, inkluż ir-rivitalizzazzjoni u t-tixrib mill-ġdid tal-torbieri. Dan l-istudju se jgħin lill-atturi privati u lill-awtoritajiet pubbliċi jibdew għadd dejjem jikber ta' inizjattivi ta' sekwestru tal-karbonju f'art agrikola fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima.

95. Il-Kummissjoni tinnota li t-trekkjar tal-klima ġie implimentat għall-perjodu 2014–2020 u li dan diġà ġie indirizzat f'rapport speċjali tal-QEA. Il-Kummissjoni tirreferi għat-tweġibiet tagħha għar-rapport speċjali Nru 31/2016[5].

Fir-rigward tal-istima eċċessiva u l-ekoloġizzazzjoni tal-kontribut klimatiku tal-PAK fir-rapport imsemmi, il-Kummissjoni, fost l-oħrajn:

- ma qablitx mal-fehma li fil-parti l-kbira tagħha l-ekoloġizzazzjoni tal-pagamenti diretti hija bbażata fuq KAAT preċedenti. Ir-rekwiżiti ta' żona ta' prijorità ekoloġika u tad-diversifikazzjoni tal-għelejjel huma ġodda u l-protezzjoni ta' mergħat permanenti ssaħħet sew, pereżempju, il-protezzjoni sħiħa ta' bwar permanenti ambjentalment sensittivi u l-marġni mnaqqas tal-possibbiltà tal-ħrit ta' bwar permanenti.
- Hija temmen ukoll li l-ekoloġizzazzjoni tal-pagamenti diretti għandha impatt sinifikati, u mhux wieħed limitat. L-impatt jirrifletti b'mod ġust ir-relazzjoni klimatika tat-tliet prattiki tal-biedja. Filwaqt li tabilħaqq li r-rekwiżiti tal-ekoloġizzazzjoni ma jaffettwawx lill-bdiewa kollha, l-informazzjoni disponibbli turi wkoll li 72 % taż-żona agrikola totali hija kkonċernata, li huwa aktar rilevanti fir-rigward tal-azzjoni klimatika.

Jekk jogħġbok ara wkoll it-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafi 86 sa 88.

---

[4] Disponibbli hawn https://europa.eu/!WR87pg.

[5] https://www.eca.europa.eu/mt/Pages/DocItem.aspx?did=39853.

**Rakkomandazzjoni 3 — Rapport regolari dwar il-kontribut tal-PAK għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima**

(a) Il-Kummissjoni ma taċċettax ir-rakkomandazzjoni għal valutazzjoni annwali tal-effetti. L-indikaturi tar-riżultati ta' kull sena previsti fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tal-futur se jipprovdu informazzjoni dwar il-progress tal-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-interventi li huma ta' benefiċċju għall-klima. Valutazzjoni sinifikattiva tal-effetti ta' dawn il-miżuri għall-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra tirrikjedi *data* fuq diversi snin, inkluż informazzjoni dwar id-diversi fatturi esterni li jħallu impatt fuq l-emissjonijiet ta' gassijiet serra (għaliex il-PAK mhijiex l-uniku fattur li jwassal għal emissjonijiet ta' gassijiet serra)[6]. Tali valutazzjonijiet se jiġu indirizzati permezz ta' evalwazzjonijiet, jiġifieri mhux fuq bażi annwali.

(b) Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni.

Fil-qafas tal-klima, l-emissjonijiet agrikoli huma koperti mir-Regolament dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi (Effort Sharing Regulation, ESR) flimkien mat-trasport, il-bini u l-iskart. L-ESR jimponi miri ta' tnaqqis għal kull Stat Membru u ddaħħal fis-seħħ politiki nazzjonali xierqa biex jinkisbu. Se japplikaw penali fil-każ li l-miri ma jintlaħqux. Fl-ambitu tal-Pakkett Fit for 55 il-Kummissjoni se tipproponi proposti leġiżlattivi ġodda li se jsaħħu aktar tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra fis-setturi kollha, inkluż l-agrikoltura, biex fl-2030 jinkiseb tnaqqis kumplessiv ta' mill-anqas 55 % meta mqabbel mal-1990.

Il-proposta għall-PAK tal-futur, l-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt u l-Patt Ekoloġiku ma jbassrux inċentivi pożittivi biex il-bdiewa jiġu ppremjati għat-tneħħija tal-karbonju fit-tul. B'mod partikolari, permezz tal-inizjattiva tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola, il-Kummissjoni se tippromwovi s-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola bħala mudell kummerċjali li joħloq sors ġdid ta' introjtu għall-atturi tal-bijoekonomija, abbażi tal-benefiċċji klimatiċi li jipprovdu. Il-Kummissjoni qed tiżviluppa wkoll qafas regolatorju għaċ-ċertifikazzjoni tat-tneħħija tal-karbonju u kontabbiltà tal-karbonju trasparenti. Il-Kummissjoni se tagħmel studju biex tivvaluta l-prinċipju ta' min iniġġes iħallas fir-rigward tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra mill-agrikoltura.

[6] Għal aktar referenzi, ara l-kapitolu 4 (il-metodu) tad-dokument ta' ħidma tal-persunal ta' evalwazzjoni li ġie ppubblikata dwar l-impatt tal-Politika Agrikola Komuni fuq it-tibdil fil-klima u l-emissjonijiet ta' gassijiet serra, disponibbli hawn https://europa.eu/!bn68Kvm